

Brussell, 7 ta' Diċembru 2023
(OR. en)

16287/23

LIMITE

UK 230
CYBER 310
COTER 234
COMET 62
CT 191

NOTA PUNT "I/A"

minn:	Segretarjat Ġenerali tal-Kunsill
lil:	Kumitat tar-Rappreżentanti Permanenti/Kunsill
Suġġett:	Arranġamenti għal djalogi strutturati dwar il-ġlieda kontra t-terroriżmu u kwistjonijiet ċibernetiċi skont il-Ftehim dwar il-Kummerċ u l-Kooperazzjoni konkluż mar-Renju Unit tal-Gran Brittanja u l-Irlanda ta' Fuq - Approvazzjoni

1. Wara l-laqgħa tal-Kumitat tar-Rappreżentanti Permanenti tas-26 ta' April 2023, fejn dak il-Kumitat esprima appoġġ għall-esplorazzjoni ta' aktar oqsma ta' kooperazzjoni mar-Renju Unit skont il-Ftehim dwar il-Kummerċ u l-Kooperazzjoni (FKK), il-Kunsill, il-Kummissjoni u r-Rappreżentant Għoli tal-Unjoni għall-Affarijiet Barranin u l-Politika ta' Sigurtà ddiskutew il-prinċipji li għandhom jiggwidaw id-djalogi strutturati previsti skont il-Ftehim dwar il-Kummerċ u l-Kooperazzjoni (FKK), b'mod partikolari dawk dwar kwistjonijiet ċibernetiċi u l-ġlieda kontra t-terroriżmu.

2. Dawn id-diskussjonijiet laħqu l-qofol tagħhom fl-arranġamenti li jinsabu fid-dokument ST 16278/23, li ntlaħaq qbil dwarhom fil-livell tal-Grupp ta' Ħidma dwar ir-Renju Unit fis-6 ta' Diċembru 2023.
3. L-arranġamenti jipprevedu l-kamp ta' applikazzjoni u l-metodi ta' ħidma u l-modalitajiet prattiċi maqbula għad-djalogi mar-Renju Unit dwar il-ġlieda kontra t-terroriżmu u kwistjonijiet ċibernetiċi, b'referenza għall-modalitajiet stabbiliti fl-Artikolu 2(2) tad-Deċiżjoni tal-Kunsill (UE) 2021/689 dwar il-konklużjoni tal-Ftehim dwar il-Kummerċ u l-Kooperazzjoni¹ fir-rigward tal-korpi konġunti li jimplementaw l-FKK. L-arranġamenti jindirizzaw ukoll il-preżenza tal-Istati Membri f'dawn id-djalogi.
4. Fid-dawl ta' dan ta' hawn fuq, il-Kumitat tar-Rappreżentanti Permanenti huwa mistieden:
 - jikkonferma l-qbil tiegħu dwar it-test tal-arranġamenti msemmija hawn fuq, kif jinsab fid-dokument ST 16278/23; u
 - jirrakkomanda li l-Kunsill japprova, f'ismu, l-arranġamenti kif jinsabu fid-dokument ST 16278/23.

¹ Id-Deċiżjoni tal-Kunsill (UE) 2021/689 dwar il-konklużjoni, fisem l-Unjoni, tal-Ftehim dwar il-Kummerċ u l-Kooperazzjoni bejn l-Unjoni Ewropea u l-Komunità Ewropea tal-Enerġija Atomika, minn naħa waħda, u r-Renju Unit tal-Gran Brittanja u l-Irlanda ta' Fuq, min-naħa l-oħra, u tal-Ftehim bejn l-Unjoni Ewropea u r-Renju Unit tal-Gran Brittanja u l-Irlanda ta' Fuq dwar il-proċeduri ta' sigurtà għall-iskambju u għall-protezzjoni ta' informazzjoni klassifikata (ĠU L 149, 30.4.2021, p. 2).